TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/313/12/S

Cherise Grixti
Vs
Future Focus Limited

Illum 29 ta'Jannar,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Cherise Grixti pprezentata fl-4 ta'Dicembru,2012 u r-risposta tas-socjeta Future Focus Limited ipprezentata fis-27 ta'Dicembru,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u lix-xhieda mressqa, kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fit-13 ta'Novembru,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda kors 'Intermediate Diploma in Good Practice in Childcare and Education' li skont ir-rikorrenti applikat ghalih bil-ghan li tahdem bhala 'Childcare Assistant' filwaqt li s-socjeta intimata kkontendiet li hu dmir ta' kull persuna li ticcekkja dwar ir-rikonoxximent tal-kors maghzul;

Illi jinghad mal-ewwel li hija responsabilita ta' dak li jkun se jixtri prodott jew servizz li jara sew li dak li se jixtri hu dak li effettivament ghandu bzonn jew jixtieq;

Illi fil-fatt fil-kundizzjonijiet annessi mar-risposta tas-socjeta intimata, (li r-rikorrenti ffirmat) il-klawsola dwar rikonoxximent tal-korsijiet tghid li "*It is the responsibility of the applicant to clarify matters before enrolment*";

Illi skont ir-rikorrenti, hi saqsiet lis-socjeta intimata u r-rikorrenti dejjem giet infurmata li dak il-kors hu dak li ghandha bzonn;

Illi dan it-Tribunal ihoss li tali informazzjoni ghandha tinghata lil kull konsumatur biex dan ikun f'pozizzjoni cara biex jiddeciedi jekk jihux tali kors jew le;

Illi hafna drabi persuna ssegwi kors biex tuzah fl-ambitu tax-xoghol u r-rilevanza tal-kwalifiki hu essenzjali f'dan ir-rigward;

Illi kif gja kellu okkazjoni jishaq dan it-Tribunal, kulmin qieghed fil-qasam tal-edukazzjoni bhas-socjeta intimata ghandu jaghti informazzjoni cara, dettaljata u korretta dwar x'ikopri kors u ghalxiex jista' jintuza'. B'hekk il-konsumatur ikun f'pozizzjoni li jaghmel decizjoni infurmata;

Illi ghalkemm hemm responsabilita ta' kulmin japplika ghal kors partikolari, l-informazzjoni kollha necessarja ghandha tinghata minn min qieghed fis-settur edukattiv lill-istudenti mal-ewwel u qabel isir kwalunkwe hlas;

Illi biex jinghata servizz kif mistenni, kulmin ikun qed joffri tali servizz ghandu jzomm ruhu aggornat kemm bir-rikonoxximent kif ukoll bir-'requirements' tas-suq. B'hekk ikun jista' jghaddi tali informazzjoni lill-konsumatur;

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal ihoss li ghandu jattribwixxi tlitt kwarti tal-ispejjez bhala responsabilita tas-socjeta intimata u kwart tar-rikorrenti;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' in parte t-talba ta' Cherise Grixti u l-eccezzjonijiet tas-socjeta Future Focus Limited kif fuq spjegat u konsegwentement Jordna lis-socjeta Future Focus Limited tirrifondi lura lil Cherise Grixti s-somma ta' €600, bl-ispejjez ta'dawn il-proceduri jinqasmu bl-istess persentagg tas-sorte.

Richard Sladden Av.
Arbitru